

DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

Nru 13/2014

tal-14 ta' Frar 2014

li temenda l-Anness II (Regolamenti tekniċi, standards, ittestjar u ċertifikazzjoni)
tal-Ftehim ŻEE

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea ("il-Ftehim ŻEE"), u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 723/2013 tas-26 ta' Lulju 2013 li jemenda l-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 1333/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fejn jidħol l-użu tal-estratti tal-klin (E 392) f'ċerti prodotti tal-laħam u l-ħut b'kontenut żgħir ta' xaħam ⁽¹⁾ għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim ŻEE.
- (2) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 724/2013 tas-26 ta' Lulju 2013 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 231/2012 fir-rigward tal-ispeċifikazzjonijiet dwar diversi polioli ⁽²⁾ għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim ŻEE.
- (3) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 738/2013 tat-30 ta' Lulju 2013 li jemenda l-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 1333/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-użu ta' ċerti addittivi f'analogi tal-bajd tal-ħut abbażi tal-alka ⁽³⁾ għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim ŻEE.
- (4) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 739/2013 tat-30 ta' Lulju 2013 li jemenda l-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 1333/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-użu ta' steroli tal-pjanti rikki fl-Istigmatsteroli bħala stabilizzaturi f'koktejs alkoħoliċi lesti biex jiġu ffriżati, u l-Anness tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 231/2012 fir-rigward tal-ispeċifikazzjonijiet għall-addittiv tal-ikel abbażi ta' steroli tal-pjanti rikki fl-Istigmatsteroli ⁽⁴⁾ għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim ŻEE.
- (5) Din id-Deċiżjoni tikkonċerna l-leġiżlazzjoni li tirrigwarda l-prodotti alimentari. Il-leġiżlazzjoni li tirrigwarda l-prodotti alimentari ma tapplikax għal-Liechtenstein dment li l-applikazzjoni tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Svizzera dwar il-kummerċ ta' prodotti agrikoli tkun estiża għal-Liechtenstein, kif speċifikat fl-introduzzjoni tal-Kapitolu XII tal-Anness II tal-Ftehim ŻEE. Għaldaqstant, din id-Deċiżjoni ma għandhiex tapplika għal-Liechtenstein.
- (6) L-Anness II tal-Ftehim ŻEE għandu għalhekk jiġi emendat skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-Kapitolu XII tal-Anness II tal-Ftehim ŻEE jiġi emendat kif ġej:

1. L-inċiżi li ġejjin jiżiedu mal-punt 54zzzzr (ir-Regolament (KE) Nru 1333/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill):
 - **32013 R 0723:** Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 723/2013 tas-26 ta' Lulju 2013 (ĠU L 202, 27.7.2013, p. 8),
 - **32013 R 0738:** Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 738/2013 tat-30 ta' Lulju 2013 (ĠU L 204, 31.7.2013, p. 32),
 - **32013 R 0739:** Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 739/2013 tat-30 ta' Lulju 2013 (ĠU L 204, 31.7.2013, p. 35)."
2. L-inċiżi li ġejjin jiżdiedu mal-punt 69 (ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 231/2012):
 - **32013 R 0724:** Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 724/2013 tas-26 ta' Lulju 2013 (ĠU L 202, 27.7.2013, p. 11),
 - **32013 R 0739:** Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 739/2013 tat-30 ta' Lulju 2013 (ĠU L 204, 31.7.2013, p. 35)."

⁽¹⁾ ĠU L 202, 27.7.2013, p. 8.⁽²⁾ ĠU L 202, 27.7.2013, p. 11.⁽³⁾ ĠU L 204, 31.7.2013, p. 32.⁽⁴⁾ ĠU L 204, 31.7.2013, p. 35.

Artikolu 2

It-testi tar-Regolamenti (UE) Nru 723/2013, (UE) Nru 724/2013, (UE) Nru 738/2013 u (UE) Nru 739/2013 bil-lingwa Islandiża u b'dik Norveġiża, li jridu jiġu ppubblikati fis-Suppliment taż-ŻEE ta' ma' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, ikunu awtentiċi.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni tidħol fis-seħħ fil-15 ta' Frar 2014, dment li jkunu saru n-notifiki kollha skont l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim ŻEE (*).

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni tiġi ppubblikata fit-Taqsima ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u fis-Suppliment tiegħu.

Magħmul fi Brussell, l-14 ta' Frar 2014.

Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE

Il-President

Gianluca GRIPPA

(*) L-ebda rekwiżiti kostituzzjonali ma huma indikati.